Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 2/2018

**Paul Calleja**
**(K.I. Nru. 2654M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
**(appellant)**

25 ta' Jannar, 2019.

1. Din is-sentenza hi dwar appell tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali *a tenur* tal-artikolu 109 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-fatti żvolġew kif ġej:

1.1. L-appellat Paul Calleja applika għall-pensjoni kontributorja nhar it-2 ta' Settembru 2015;

1.2. Permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu 2016 id-Direttur informa lill-appellat li mhuwiex intitolat għall-pensjoni kontributorja peress illi:

> *'Il-medja minn sena għal sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnek jew akkreditati lilek hija inqas minn 20 skont artikolu 17(5) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) tal-Liġijiet ta' Malta.'*

1.3. Fl-4 t'April 2016 Paul Calleja appella minn dik id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru skont l-artikolu 108 tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ma mmotivax l-appell tiegħu;

1.4. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Jannar 2018, l-Arbitru laqa' l-appell ta' Paul Calleja u rrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur billi:

*'... d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali datata 25 ta' April 2016 ma hijiex ġusta u għalhekk ma timmeritax li tiġi konfermata u fid-dawl tad-dokumentazzjoni ppreżentati b'mod partikolari d-dokument tal-JobPlus li juri li bejn l-20 t' Awissu 1981 u l-14 ta' Awissu 1989 huwa kien impjegat "full time" mall-Kumpannija MedServ għandha terġa' tiġi riveduta fis-sens li d-Dipartiment għandu jagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tal-appellant billi jieħu l-kontribuzzjonijiet li suppost tħallsu mill-MedServ għall-perjodu kollu li l-appellat ħadem magħhom u dan skont id-dettalji u d-dati li pprovdiet JobPlus.'*

2. Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali appella mid-deċiżjoni tal-Arbitru. L-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru m' għamilx apprezzament tajjeb tal-provi kif kien mistenni minnu u għaldaqstant id-deċiżjoni hi żbaljata.

3. L-appellat ma weġibx u lanqas m'attenda għas-seduta.

**Konsiderazzjoni.**

4. Illi kif ammess mill-appellant stess, bħala regola din il-Qorti ma tiddisturbax bla bżonn l-apprezzament tal-provi, iżda:

*'... kif kostantement ricevut f'gurisprudenza pacifika, din il-Qorti kienet obbligata tissindika dan l-apprezzament u anke li tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik li jkun wasal ghalija l-ewwel gudikant jekk tkun konvinta li altrimenti tkun ser tigi kagjonata ingustizzja manifesta jew id-diskrezzjoni giet uzata hazin.*

*Kif jinsab ritenut "jigifieri meta fil-fehma taghha, wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha processwali, jitnisssel fiha l-konvinciment morali illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghal konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-Qorti ta' revizjoni kienet obbligata li tiddelibera s-sentenza taghha fuq dik il-bazi ta' fatt kif fil-fehma taghha tkun tirrizulta provata, anke hekk dan ifisser li jkollha fil-process tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun addotat bhala provanti l-premessi ghattalbiet attrci" – "**Emily Stivala et –vs- George Pace**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.*

*F'kazijiet ta' din ix-xorta l-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-appellata fil-kors tal-appell taghha quddiem l-Arbitru. Din il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk dan l-oneru giex dizimpenjat, kif ukoll li tassikura li l-prova kienet konvincevolment serja u mhux arkitettata b'mod li tigi aggirata l-ligi u b'hekk assikurata ghajnuna mhux misthoqqa meta l-appellata ma kienetx tikkwalifika ghaliha. Huwa veru li kull gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata" izda daqstant iehor ghandu d-dover jirrifletti serjament fuq il-provi u mhux ihalli ruhu jigi kondizzjonat minn aspetti jew provi li huma ghal kollox marginali, jekk mhux ukoll irrilevanti, jew mahsuba primarjament bhala tentattiv biex jizvijaw l-attenzjoni tal-gudikant.*[1]

5. Quddiem l-Arbitru nġabru s-segwenti provi:

[1] ***Direttur tas-Sigurtà Socjali vs Shannon Cauchi,*** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003.

- Calleja, llum appellat, ikkonferma bil-ġurament illi kien jaħdem fuq *landrigs* il-Libja bejn 1977 u l-2010. Spjega li kien jaħdem ma' diversi kumpanniji fosthom mal-MedServ bejn l-1979 u l-1985, mal-Pool Inter Drill bejn l-1985 u l-1995, mal-KCA Ltd bejn l-1995 u l-2002. Jgħid li wara l-2002 ġie lura Malta u beda jaħdem fil-ġebel. Qal li kien jaħdem ma' Charles Stivala, ma' Forex Ltd li hija kumpannija Franċiża mill-2002 sal-2010. Fl-2010 reġa mar jaħdem barra minn Malta ma kumpannija Amerikana sal-2015. Imbgħad reġa' ġie Malta. Calleja ppreżenta kopji tal-passaporti tiegħu għall-perjodu li huwa kien jaħdem il-Libja;

- Skont *Contribution Record* maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fuq medda ta' 42 sena l-appellat ħallas b' kollox 82 kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, ossija medja ta' 1.95 kontibuzzjoni fis-sena. Din hija ferm anqas mill-minimu tal-medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena rikjesta sabiex persuna tkun intitolata għall- pensjoni tal-irtirar a tenur tal-artikolu 17(5) tal-Kap. 318;

- Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ssottometta li minn verifiki li saru fi ħdan id-Dipartiment irriżulta li kienu ntbaghatu diversi *deficiency notices* lill-appellat rigward kontribuzzjonijiet mhux imħallsa għall-perjodu bejn l-1972 sal-1979. Id-Direttur irrileva ukoll li għalkemm tressqet prova li l-appellat kien impjegat barra minn Malta għal ħafna snin, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ħallas xi kontibuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, la barra minn Malta u tant inqas f'Malta. Jgħid li rriżulta ukoll li bosta *employers* kienu Brittanniċi jew Amerikani u xi ftit oħra Tuneżini u Sirjani iżda mhux Libjani għalkemm mill-passaporti rriżulta li veru kien il-Libja. Dan ingħad għaliex sal-1990 kien hemm ftehim mal-Gvern Libjan li permezz tiegħu impjegat li kien qiegħed iħallas kontribuzzjonijeit ġewwa l-Libja seta' jimla' formola appożita *entro* it-30 ta' Mejju 1990 sabiex il-kontibuzzjonijiet mħallsa l-Libja jitniżżlu fil-*contribution history* ta' dak l-impjegat għall-finijiet ta' eliġibbiltà għall-pensjoni f' Malta. Minn verifiki li għamel id-Dipartiment, ma rriżultax li l-appellat kien ippreżenta formola simili. Id-Direttur issottometta ulterjorment li sussegwentement, mad-dħul fis-seħħ tal-artikolu 13(1) tal-Kap. 318, '*kull resident Malti li jaħdem barra minn Malta hu responsabbli li jassigura lilu nnifsu f' Malta b' mod volontarju u fuq talba lid-DSS*'[2] iżda Calleja ma setax iħallas bolla hawn Malta wara l-1990 għaliex ma kienx meqjus bħala normalment residenti f' Malta.[3]

- Da parti tiegħu, fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2016, l-appellat ikkonferma li kien mela l-formola fuq imsemmija u ffirmaha l-*Labour*

[2] Nota tat-22 ta' Settembru 2016 li waslet għand l-Arbitru fit-3 ta' Ottubru 2016.
[3] Nota tals-7 ta' April 2017.

*Office* quddiem it-Teatru l-imwaqqa' meta kien Prim' Ministru Carm Mifsud Bonnici għalkemm fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017, fuq mistoqsija tal-Arbitru, Calleja qal li 90% il-formola in kwistjoni ntbagħtet meta huwa kien jaħdem barra minn Malta.

- Skont dokument maħruġ mill-Jobsplus fit-12 ta' April 2017, irriżulta s-segwenti *employment history* tal-appellat:

| | |
|---|---|
| Medserv Ltd – *full time* | 20.08.1981 – 16.03.1988 |
| Medserv Ltd – *full time* | 17.03.1988 – 29.06.1981 |
| VPWG SERVICES LTD – *full time* | 01.06.1989 – 23.06.1989 |
| Medserv Ltd – *full time* | 22.06.1989 – 14.08.1989 |
| Calleja Paul – *self employed part time* | 09.03.2009 – 31.12.2014 |
| MMH Malta – *full time* | 01.03.2015 – 31.07.2015 |
| G&P Borg Ltd – *part time* | 14.12.2015 – 23.06.2016 |
| Central Asphalt Ltd – *full time* | 04.03.2017 *to date* |

- Tħarrek rappreżentant tal-Medserv li xehed li ma sab l-ebda informazzjoni dwar l-appellat odjern;

- Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2017, '*fuq domanda tal-Arbitru biex jikkonferma d-dettalji ta' dokument li ġab hu stess minn JobsPuls datat 12 t'April 2017 u qed jinqrawlu d-dettalji li hemm li hu kien 'technical and mining and metallurgical' għall-perjodu 20 ta' Awissu 1981 u s-16 ta' Marzu 1988, is-Sur Calleja, b'leħen għoli qal li* ***hija gidba jew żball****. Is-Sur Arbitru talab konferma da parti tal-appellant jekk il-formola ġabiex hu, l-appellant qal li kien ġabha f' envelop magħluq u ma kienx jaf x' fiha. Is-segretarja tal-Arbitru ikkonfermat li l-karta nġabet hekk kif tidher fil-file. L-appellant għolla leħnu u minflok irrisponda għad-domandi ta' kjarifika li talab l-Arbitru qabad u telaq 'l barra u qal 'tistgħu tagħmlu li tridu'.*

6. Illi permezz tal-aggravju tiegħu l-appellant jikkontendi li dak li jgħodd sabiex jiġi determinat jekk l-appellat huwiex eliġibbli għall-pensjoni kontributorja m'huwiex jekk l-appellat ħadimx ġewwa l-Libja jew ma liema kumpannija ħadem, iżda **<u>jekk ħallasx il-kontribuzzjonijiet kollha skont il-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**.

7. Fis-sentenza ***Francesca Saveria Borg vs Direttur tas-Sigurta ` Socjali***, tat-23 ta' Mejju, 2008 din il-qorti qalet:

> *'F'materja ta' intitolar ghall-pensjoni ghal min jirtira jezisti l-principju indiskutibilment fundamentali illi biex persuna tikkwalifika ghal tali pensjoni hi trid tissodisfa certi rekwiziti dettati mil-ligi. Inter alia, u skond l-Artikolu 44 ta' l-*

*Att dwar is-Sigurta` Socjali, li fid-data ta' meta tirtira tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti. Tinsorgi ghalhekk il-mistoqsija jekk f' dan il-kaz l-appellanti kienetx fiz-zmien ta' l-irtirar taghha ssodisfatx dan l-element hekk baziku ghal konsegwiment tal-pensjoni aspettata minnha'*

8. L-pensjonijiet għal min jirtira huma regolati fit-Taqsima V tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 44 tal-imsemmija liġi tipprovdi kif ġej:

*'44. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan l-Att, persuna jkollha dritt għal Pensjoni għal min Jirtira ... b' waħda mir-rati speċifikati fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att ... jekk –*

*(a) fid-data ta' meta tirtira tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti; u*

*(b) tagħmel talba għal hekk fi żmien sitt xhur minn dik id-data. Meta ma tagħmilx talba fi żmien sitt xhur minnmeta tirtira l-pensjoni titħallas b'effett mid-data li fihassir it-talba.'*

9. Rilevanti ukoll l-artikolu 17(2) tal-Kap. 318 li *inter alia* jipprovdi:

*'(2) Il-kundizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni taħt ... Taqsima V (barra minn Pensjoni ta' Żewġ Terzi) ta' dan l-Att għandhom ikunu kif imsemmija fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.'*

10. Fil-Ħdax-il Skeda huwa pprovdut illi:

*'2. Il-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjoni għal Pensjoni ta' Armla, Pensjoni għal min Jirtira, Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira, Pensjoni Minima Nazzjonali jew Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda huma –*

*(a) illi l-persuna tkun ħallset* ***mhux anqas minn mija u sitta u ħamsin kontribuzzjoni****; u*[4]

*(b) illi l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati lilha għal perjodu –*

*(i)(a) li jibda mill-ewwel ġurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni tagħha li fiha jaħbat is-7 ta' Mejju, 1956, jew fl-ewwel ġurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni tagħha li fiha tilħaq l-età ta' dsatax-il sena, liema minnhom issir l-aħħar; jew*

*(i)(b) dwar kull persuna li twieldet fl-4, jew wara l-4 ta' April, 1958, li jibda mill-ewwel ġurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni tagħha li fiha jaħbat it-3 ta' April, 1977, jew fl-ewwel ġurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni tagħha li fiha tilħaq l-età ta' tmintax-il sena, liema minnhom jiġi l-aħħar; u*

*(ii) li tispiċċa fl-aħħar ġurnata tas-sena sħiħa ta' kontribuzzjoni qabel il-bidu tas-sena ta' benefiċċju tagħha li tinkludi l-ġurnata li fiha l-kundizzjonijiet jinħtieġu li jkunu sodisfatti,*

---

[4] Enfażi tal-Qorti.

*ma jkunux anqas minn ħamsin ...'*

11. Madanakollu, is-subartikolu (5) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap. 318 jipprovdi ukoll li:

> *'Meta persuna kienet tkun intitolata għall-pensjoni mħallsa taħt l-artikoli msemmija fis-subartikolu (2) ħlief għall-fatt li l-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet rilevanti ma jkunux ġew sodisfatti dwar il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati, dik il-persuna tkun b'danakollu ntitolata,* ***jekk l-imsemmija medja fis-sena ma tkunx inqas minn għoxrin****, għall-pensjoni ta' dik ix-xorta bir-rata mnaqqsa speċifikata għal pensjonita' dik ix-xorta fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.*[5]

12. Stabbilit il-qafas legali applikabbli, huwa importanti li jissemma li s-sentenza tal-Arbitru ma ġietx bażata fuq il-fatt li l-appellat kien jaħdem il-Libja jew li ħallas xi kontribuzzjonijiet f'dak il-pajjiż li għandhom jgħoddu għall-finijiet ta' eliġibilità għall-pensjoni tal-irtirar a tenur tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta jew li kien eżentat li jħallas l-kontribuzzjonijet meta huwa kien jaħdem il-Libja. Id-deċiżjoni hi bażata fuq il-fatt li fid-dokument tal-*Jobsplus* jingħad li l-appellat kien impjegat mal-MedServ, bejn l-1981 sal-1989 u kellha obbligu tħallas il-bolla tal-appellat.

13. Ir-raġuni li wasslet lill-Arbitru biex jilqa' l-appell, hi spjegata f'din il-parti tad-deċiżjoni:

> *'Fil-mori tal-każ l-Arbitru talab lid-Dipartiment jagħmel il-verifiki meħtieġa iżda ma sab ebda dokumentazzjoni li juri u jikkonferma li l-appellant kien qatt mar applika biex il-kontribuzzjonijiet tal-Libja jgħoddu għal Malta u lanqas rekords oħra li juru li kellu impieg anke barra minn Malta. Saħansitra skont il-Ledger Sheet tal-Kontribuzzjonijiet tal-appellant hemm annotat li kienu jintbagħtu D/N (Deficiency Notice) biex dak li jkun jiġi mgħarraf li għandu kontribuzzjonijiet neqsin ħalli jirregola ruħu. Dan naqas li jagħmel l-appellant jew jitlob spjegazzjoni jew xi għajnuna min-naħa tad-Dipartiment, jista' jkun imma b' dan iseħħ peress li kien jaħdem perjodi twal barra minn Malta.* ***Madanakollu, id-Dokument maħruġ minn JobsPlus jidher li bejn l-1981 u l-1989 l-appellat kien jaħdem mal-MedServ bħala impjegat full time li jfisser li skont il-liġi hija l-kumpannija li għandha tassumi r-responsabbiltà jekk il-kontribuzzjonijiet ma tħallsux jew le u mhux l-individwu li f' dan il-każ huwa l-appellant. Dan ifisser li d-Dipartiment għandu l-obbligu li jikkunsidra li f'dan il-perjodu l-appellant kellu l-kontribuzzjonijiet mħallsa bħala impjegat u jekk kien hemm xi nuqqas dan jaqa' fuq spallejn il-MedServ li ma ħallsitlux dawn il-kontribuzzjonijiet****'.*

14. Fir-rikors tal-appell l-appellant elabora dwar il-fatt li l-appellat:

---

[5] Enfażi tal-Qorti.

(i) qatt ma ressaq prova li huwa kien applika sabiex il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali allegatament mħallsa minnu fil-Libja jgħoddu għal Malta;
(ii) ma ċċita l-ebda bażi legali applikabbli li teżentah milli jħallas kontribuzzjonijiet f' Malta meta huwa kien jaħdem il-Libja; u
(iii) id-distinzjoni bejn il-perjodu qabel u wara l-1990;

15. Madankollu d-deċiżjoni tal-Arbitru hi bażata fuq id-dokument tal-Jobsplus. L-Arbitru kkonkluda li d-Dipartiment għandu jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni tal-appellant, *"billi jieħu l-kontribuzzjonijiet li suppost tħallsu mill-Medserv għall-perjodu kollu li l-appellant ħadem magħhom u dan skont id-dettalji u d-data li pprovdiet Jobsplus"*.

16. Dwar il-bażi legali tad-deċiżjoni mpunjata, ossija l-fatt li l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li l-kumpannija Medserv Ltd kellha tassumi r-responsabbiltà tal-kontribuzzjonijiet għall-perjodu bejn l-1981 sal-1989, id-Direttur argumenta li, '*anké l-appellat bħala impjegat kellu jassumi r-responsabbiltà li l-kontribuzzjonijiet tiegħu jiġi mħallsa.'*

17. L-artikolu 8 tal-Kap. 318 jipprovdi kif ġej:

> *'8.(1) Il-prinċipal għandu, fl-ewwel każ, ikun dovut iħallas kemm il-kontribuzzjoni dovuta minnu kif ukoll, f'isem u b'esklużjoni tal-persuna mpjegata, il-kontribuzzjoni dovuta minn dik il-persuna u, għall-finijiet ta' dan l-Att, kontribuzzjonijiet imħallsa mill-prinċipal f'isem l-impjegat għandhom jitqiesu li jkunu kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna mpjegata.*
>
> *...*
>
> *(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, fejn xi prinċipal ikun naqas jew ittraskura li jħallas xi kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi li dovut li jħallas taħt dan l-Att, hekk kif jgħaddu l-għaxart ijiem imsemmija fl-artikolu 116(2), u jekk il-prinċipal konċernat jibqa' jonqos jew jittraskura li jħallas xi kontribuzzjonijiet kurrenti dovuti taħt dan l-Att, id-Direttur jista', b'avviż mogħti lill-prinċipal u lil kull persuna mpjegata ma' dak il-prinċipal, jordna illi l-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu minn dik il-persuna mpjegata ma għandhomx, minn dik id-data li tista' tiġi indikata fl-avviż, jinżammu u jitħallsu mill-prinċipal u **li mill-istess data dawk il-kontribuzzjonijiet dovuti wara dik id-data għandhom jitħallsu direttament minn dik il-persuna mpjegata lid-Direttur b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li d-Direttur jiddeċiedi**'.*

18. Minn dan isegwi li għall-perjodu li l-appellat kien effettivament impjegat mal-MedServ, li hija kumpannija Maltija, l-obbligu li jiġu mħallsa l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kemm da parti tagħha u kif ukoll da parti tal-impjegat, kienu fuqha. Is-subartikolu (5) daħal fis-seħħ permezz tal-Att XVI tal-1990 (emenda numru 5) u f' kull każ id-Direttur appellant fl-ebda waqt ma allega li ħareġ xi avviż f' dak is-sens. Dan ta' l-aħħar jgħid biss li kien ħareġ *default notices*

għall-perjodu 1972 – 1979[6] liema perjodu huwa rrilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell li jitratta l-perjodu bejn l-1981 sal-1989, matul liema perjodu l-Arbitru kkonkluda li l-appellat kien jaħdem mal-Medserv. Pero' jibqa' l-fatt li m'hemmx prova li matul dawk is-snin tħallsu kontribuzzjonijiet. Fil-fatt skont ir-records tad-Dipartiment, fuq perjodu ta' 42 sena tħallsu biss 82 kontribuzzjoni.

19. F'kull każ:-

- l-ebda rappreżentant tal-*JobsPlus* ma xehed;
- fl-ebda waqt ma ġiet spjegata t-tieni *entry* fid-dokument apparentement maħruġa mill-JobsPlus fejn hemm imniżżel li l-impieg tal-appellat mal-MedServ li beda mis-17 ta' Marzu 1988 intemm fid-29 ta' Ġunju 1981. M'hemmx dubju li hemm żball fid-dati;
- l-appellat stess xehed li huwa kien jaħdem mal-MedServ limitatament bejn l-1979 u l-1985 u sussegwentement ħadem ma kumpanniji oħra.[7] Di più, fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2017, **mistoqsi jikkonferma li hu kien *technical and metallurgical* għall-perjodu 20 t' Awissu 1981 sas-16 ta' Marzu 1988 mal-MedServ** kif indikat fl-ewwel *entry* tad-dokument tal-JobsPlus, **l-appellat '*bl-leħen għoli qal li gidba jew żball*'**;[8]
- l-uffiċjal tal-MedServ li kien inġunt biex jixhed qal illi ma sab xejn dwar l-impieg tal-appellat fl-arkivji minkejja li fittex ir-*records* ta' tlieta u tletin sena. Jgħid li ma sab *records* ta' ħadd.

20. Kien l-appellat stess meta xehed li kkontesta dak li hemm fid-dokument maħruġ mill-Jobsplus.

21. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Direttur tas-Sigurtà Socjali vs Shannon Cauchi***, f' każijiet bħal dak in diżamina jispetta lill-appellant (illum l-appellat) jipprova li huwa jissodisfa s-suddetti rekwiżiti dettati mil-liġi għall-finijiet ta' eliġibilità għall-pensjoni tal-irtirar. Dan l-appellat m'għamlux. Il-fatt jibqa' li ma tħallsux il-kontribuzzjonijiet li kellhom jitħallsu skont il-liġi sabiex l-appellat ikun intitolat għall-ħlas ta' pensjoni kontributorja.

22. Għalhekk, l-appell tad-Direttur Ġenerali qiegħed jintlaqa' u d-deċiżjoni minnu mogħtija fit-18 ta' Marzu 2016 ikkonfermata.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru bin-numru 015/18 fl-ismijiet premessi mogħtija fl-10 ta' Jannar 2018 u tikkonferma d-**

[6] Nota tas-7 ta' April 2017.
[7] Verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2016.
[8] Enfażi tal-Qorti.

**deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali mogħtija fit-18 ta' Marzu 2016, bl-ispejjeż kontra l-appellat.**

Anthony Ellul.